MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 797/2021 LM

**Ryan Refalo (K.I. nru. 415291(M))**

***vs.***

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' Diċembru, 2021, mir-rikorrent **Ryan Refalo (K.I. nru. 415291(M))** fejn issottometta dan li ġej:

> *"Jesponi bir-rispett:*
>
> ***<u>Fatti tal-Kaz</u>***
>
> *Illi fil-lejl ta' bejn id- 9 u l-10 ta' Ġunju 2012, il-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga marrru sabiex jagħmlu osservazzjoni ta' 'Tulip Bar' gewwa l-Gżira, u kif ukoll tar-rikorrent innifsu illi kien jopera l-istess bar bhala* substitute. *L-imsemmija Uffiċjali tal-Pulizija raw lir-rikorrent dieħel fil-*bar *għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, u għalhekk fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, daħlu ġewwa sabiex jagħmlu tfittxijiet.*
>
> *Illi allegatament skont ix-xhieda tal-Pulizija, il-Pulizija identifikaw ruħhom mar-rikorrent, f'liema waqt ir-rikorrent beda jissara magħhom u prova jaħrab. Ħin*

*minnhom ir-rikorrent ġie mwaqqaf ftit 'il barra mill-bank tal-*bar, *quddiem* juke box. *Ħdejn mejda tal-i*snooker. *Ir-rikorrent baqa' jissara mal-pulizija, sakemm finalment ġie miżmum, imwaqqaf u mmanettjat. Mal-art, fil-post fejn ġie mwaqqaf ir-rikorrent, instabet borża tal-plastik li fiha kien hemm xi pakketti bi trab abjad suspettat droga. Saret tfittxija kemm fil-*bar, *kif ukoll fuq il-persuna tar-rikorrent. Minn tfittxija fuq il-persuna tar-rikorrent, instabet is-somma ta' mija, ħamsa u għoxrin ewro (€125) fi flus kontanti,* mobile phone *tal-marka Nokia 8 u żewġ* top-up cards. *Minn tfittxija li saret fil-*bar, *instabu* mobile phone *tal-marka Samsung, xi kotba, sikkina u tlett* mobile phones *oħra tal-marka Nokia, kif ukoll* notebook *b'xi ċifri u* starter pack *tal-Vodafone. Saret ukolll tfittxija fil-vettura tal-marka Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni HBF 127, liema vettura kienet intużat mill-imputat ftit tal-ħin qabel ġie mwaqqaf, fejn nstabet* flick knife. *Saret ukoll tfittxija fil-vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 754, liema vettura kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tal-imputat u hemm instab* pouch *iswed li fih kien hemm imqass u lazz. F'din il-vettura nstabet ukoll* flick knife. *Fl-istess vettura nstab ukoll miżien li fuqu kien hemm traċċi ta' trab abjad.*

*Illi sussegwentement l-esponenti kien ġie akkużat bl-akkużi ta' (1) pussess aggravat ta' kokaina; (2) talli kkommetta l-imsemmi reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ; (3) talli kellu fil-pussess tiegħu sikkina minghajr liċenza tal-Kummissarju; (4) talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku; (5) talli ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq PC 10 Trevor Cassar Mallia u WPC 127 C Gauci; (6) talli m'obdiex ordnijiet leġittimi tal-Awtorità jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku; (7) talli ikkommetta tenattiv ta' sopressjoni jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat; (8) traffikar tar-raża tal-cannabis u (9) talli kkommetta l-imsemmi reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ.*

*Illi permezz ta' sentenza datata ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), il-Qorti sabet lill-esponenti* ***Ryan Refalo*** *mhux ħati tat-tieni, tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnhom, filwaqt illi sabitu ħati tal-ewwel (in kwantu biss il-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju 2012), it-tielet, ir-raba', il-ħames (iżda biss in kwantu l-feriti kkaġunati lil PC10 Trevor Cassar Mallia u mhux lil WPC 127 Carmen Gauci), is-sitta u s-seba' imputazzjonijiet kkundannat lill-esponent għall-piena komplessiva ta' tnax (12) il-xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1300).*

*Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bis-sentenza fuq ċitata u minnha interpona umli appell liema appell kien jirrigwarda kemm il-mertu kif ukoll il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi dan l-appell qiegħed prezentament jinstema' quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Illi fil-mori tal-appell l-esponenti talab illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8*

*tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' digriet datat it-13 ta' Ottubru tas-sena 2021 ċaħdet it-talba tal-esponenti stante illi l-esponenti huwa mixli b'reat volontarju kontra l-persuna u wkoll li kien fil-pussess ta' arma regolari, immaterjalment jekk l-Ewwel Qorti għaddietx biex tilliberah minn xi uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex l-artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 jipprekludi l-applikazzjoni tal-Att f'dawk il-każijiet fejn i-persuna hija* *__mixlija__* *bir-reat/i hemmhekk infraskritt/i u mhux ukoll misjuba ħatja, għalkemm dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija qed tiġi ikkontestata f'proċeduri ta' reviżjoni.*

***__Illi l-esponenti qiegħed irressaq is-segwenti lanjanzi kostituzzjonali:__***

1. ***__Artikolu 8(2)(b) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq bi ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u huwa diskriminatorju:__***

*Illi l-esponenti jirrileva illi nhar is-24 ta' Settembru, 2021, huwa talab il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-Avukat Ġenerali kien oppona għat-talba magħmula mill-esponenti stante illi l-akkużi li tagħhom instab imputat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jinkludu akkużi l-esponenti huwa mixli b'reat volontarju kontra l-persuna u wkoll li mal-mument ta' l-arrest tiegħu kien fil-pussess ta' arma regolari.*

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' digriet datat 13 ta' Ottubru tas-sena 2021 ċaħdet it-talba tal-esponenti stante illi l-esponenti huwa mixli b'reat volontarju kontra l-persuna u wkoll li mal-mument tal-arrest tiegħu kien fil-pussess ta' arma regolari, immaterjalment jekk l-Ewwel Qorti għaddietx biex tilliberah minn xi uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex l-artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 357 jipprekludi l-applikazzjoni tal-Att f'dawk il-każijiet fejn il-persuna hija* *__mixlija__* *bir-reat/i hemmhekk infraskritt/i u mhux ukoll misjuba ħatja, għalkemm dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija qed tiġi ikkontestata f'proċeduri ta' reviżjoni.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi l-artikoli 8 b'enfasi fuq artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-*

> 8.(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li ghalih hemm piena ta'mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet

imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull ligi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
**(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata <u>hi mixlija</u> ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;**
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza tad-droga

*Illi għalhekk jidher ċar li* ai termini *ta' subiciz (2) (b) ta' artikolu 8 sopraċitat, persuna li tkun* ***<u>mixlija</u>*** *quddiem l-ewwel Qorti, indipendentement mil-fatt jekk tinstabx ħatja jew le quddiem l-istess prim istanza (fn. 1 Dan huwa konfermat mill-istess Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha tat-13 t'Ottubru 2021 fejn verbatim qalet: "*immaterjalment jekk l-Ewwel Qorti għaddietx biex tilliberah minn xi uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex l-artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 jipprekludi l-applikazzjoni tal-Att f'dawk il-każijiet fejn il-persuna hija <u>mixlija</u> bir-reat/i hemmhekk infraskritt/i u mhux ukoll misjuba ħatja, għalkemm dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija qed tiġi ikkontestata f'proċeduri ta' reviżjoni*") tkun prekluża milli tikkwalifika sabiex dak li jkun jista' jagħmel talba quddiem il-Qorti sabiex il-Qorti tikkonverti ruħa f'Qorti ta' Droga.*

*Illi il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza jiddetta illi persuna hija preżunta innocenti tul l-iter kollu tal-proċess ta' ġustizzja kriminali, sakemm dik il-persuna tinstab ħatja b'sentenza finali illi tkun meqjusa bħala* res judicata, *liema prinċipju huwa sancit* inter alia *fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:*

*Kostituzzjoni ta' Malta Artikolu 39 (5):*

(5) Kull min jigi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati

*Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Artikolu 6(2):*

2. Everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law.

*'European Charter of Fundamental Rights' Artikolu 48:*

**Presumption of innocence and right of defence**

1. Everyone who has been charged shall be presumed innocent until proved guilty according to law,
2. Respect for the rights of the defence of anyone who has been charged shall be guaranteed.

*Illi fuq il-preżunzjoni tal-innoċenza il-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Barbera, Messegwue and Jabardo vs Spain saħqet illi:*

77. Paragraph 2 (art. 6-2) embodies the principle of presumption of innocence. It requires, inter alia, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosection, and any doubt should benefit the accused. It also follows that it is for the prosecution to inform the accused of the case that will be made against him, so that he may prepare and present his defence accordingly, and to adduce evidence sufficient to convict him.

*Illi il-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Minelli v. Switzerland (fn. 2 25 ta' Marzu 1983) saħqet illi:*

37. In the Court's judgment, the presumption of innocence will be violated if, without the accused's having previously been proved guilty according to law and, notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty. This may be so even in the absence of any formal finding; it suffices that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty.

*Illi il-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Nerattini v. Greece (fn. 3 18 ta' Diċembru 2008) saħqet illi:*

23. The Court reiterates that the Convention must be interpreted in such a way as to guarantee rights which are practical and effective as opposed to being theoretical and illusory. That also applies to the right enshrined in Article 6 § 2 (Allenet de Ribemont v. France, 10 February 1995, § 35, Series A no. 308). According to the Court's case-law, the presumption of innocence will be violated if, without the accused having previously been proved guilty according to law and, notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision

concerning him reflects an opinion that he is guilty. This may be so even in the absence of any formal finding; it suffices that there is some reasoning suggesting that the court regards the accused as guilty (Minelli v. Switzerland, 25 March 1983§ 37, Series A no. 62)

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza R vs Meinrad Calleja (fn. 4 Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005) saħqet illi:*

Effettivament l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta l-importanza meħtieġa lil dan id-dritt tal-appellant. Meta indirizza lill-ġurati għall-ewwel darba hekk kif kienet għadha kemm giet iffurmata l-ġurija, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri semma numru ta' regoli kardinali u proprju l-ewwel regola kienet dik tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat. Hemm huwa qal:

"Kull akkużat li jiġi akkużat f'Qorti f'Malta sija din il-Qorti sija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kull akkużat hu preżunt innoċenti. Jiġifieri l-liġi tibda bil-presuppost, bil-preżunzjoni li hu innoċenti u jibqa' hekk innoċenti sakemm min għandu jiġġudika dwar il-fatti – li fil-każ ta' ġuri huwa intom – tiddeċiedu bil-kontra, li hu ħati. Mela dik hija l-preżunzjoni tal-innoċenza. Akkużat jidħol hawnhekk fil-Qorti, hi x'inhi l-akkuża – tista' tkun l-aktar akkuża serja u l-aktar akkuża banali – jidħol preżunt innoċenti u jibqa' preżunt innoċenti sakemm min għandu jiġġudika dwar il-ħtija tiegħu jgħid li mhuwiex innoċenti imma li huwa ħati. Dik hija regola importanti.

Ladarba l-akkużat hu preżunt innoċenti x'ifisser? Ifisser li l-piż tal-prova, l-obbligu li jipprova l-każ kontra akkużat, hu min hu l-akkużat, jaqa' fuq il-prosekuzzjoni. Hija l-prosekuzzjoni għan-nom tar-Repubblika ta' Malta, tal-Istat, li trid tipprova għas-soddisfazzjoni tagħkom il-ħtija tal-akkużat. Mhux l-akkużat irid jipprova l-innoċenza tiegħu għax hu preżunt innoċenti mil-liġi. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-ħtija tal-akkużat. Trid tissoddisfakom, trid tikkonvinċikom kif ngħidu moralment dwar il-ħtija tal-akkużat..."

...Fil-fatt meta l-ewwel Qorti kienet qiegħda tispjega din il-preżunzjoni, hija qalet hekk:

"Mela stabilit il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-funzjoni tagħkom u l-funzjoni tiegħi, ħalli naraw issa prinċipju ieħor kardinali, f'kull ġuri, dan huwa l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat. L-akkużat jidħol f'din l-awla mingħajr ebda dell ta' ħtija, u jibqa' mingħajr ebda dell ta' ħtija sakemm intom taslu tgħidu li huwa ħati ta' xi ħaġa. L-akkużat hu preżunt innoċenti, u dan ifisser li l-akkużat ma huwa obbligat jipprova xejn. Jista' jekk irid jagħżel li jipprova, però mhux obbligat li jipprova.

Jista' jekk irid anqas ikollu avukat jassistieh, għalkemm nassikuarkom li f'kull każ, il-Qorti kważi kważi timponilu – din il-Qorti għall-inqas – kull akkużat li jidher f'din il-Qorti timponilu avukat biex jassistieh.

X'ifisser li akkużat huwa preżunt innoċenti? Ifisser li l-piż tal-prova, dak li ngħidlu l-oneru, the burden of proof, l-oneru, il-piż tal-prova, jibqa' mill-bidu sa l-aħħar tal-ġuri fuq il-prosekuzzjoni. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha ta' kull reat fil-konfront tal-akkużat. Innotaw mhux tipprova biss kull reat imma l-elementi kollha ta' kull reat fil-konfront tal-akkuzat. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova dan kollu, l-akkużat ma huwa obbligat li jipprova xejn. Jista', jekk irid, jagħżel li jipprova – imbagħad naraw jekk jagħżel li jipprova kif għandu jipprova, sa liema grad għandu jasal fil-prova tiegħu, eċċ., eċċ. – però mhux obbligat li jipprova, jista' jibqa' mutu mill-bidu sa l-aħħar u jħalli lill-prosekutur jipprova l-każ fil-konfront tiegħu ... Mela allura l-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkużi, kull akkuża, fl-elementi kollha tagħha fil-konfront tal-akkużat."

*Illi kif* del resto *tikkonferma l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha tat-13 t'Ottubru 2021 (fn. 5 Ara Referenza 1 fuq) fejn qalet illi immaterjalment jekk l-ewwel Qorti illiberatux mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, l-artikolu 8(2)(b) ta' Kap 537 jiddetta illi persuna ma tikkwalifikax taħt artikolu 8 meta persuna tkun mixlija b'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari.*

*Illi il-pern tal-ilment odjern huwa proprju il-fatt illi bil-kliem* ***"persuna akkużata hi mixlija"*** *l-artikolu 8(2)(b) jilledi id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq għar-raġuni li tali diċitura tal-liġi tippreżumi u tpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija lir-rikorrent qabel tali imputazzjoni li bihom huwa mixli jgħaddu għal stadju ta' deċiżjoni finali, li fuqhom l-istess rikorrent għadu preżunt innoċenti.*

*Illi kif sueċċepit fid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasburgu, partikolarment* Nerattini *u* Minelli, *il-fatt li mingħajr ma r-rikorrent ikun ġudikat b'sentenza definittiva, deċiżjoni ġudizzjarja li tikkoncernah li tkun tirrifletti jew tippreżumi l-fatt illi ir-rikorrent huwa ħati, tali deċiżjoni tmur kontra id-dritt ta' smigħ xieraq tal-istess rikorrent kif fil-fatt għamel id-digriet tal-Qorti tal-Appell tat-13 t'Ottubru 2021.*

*Illi hija il-Qorti tal-Appell stess li fid-digriet tagħha suċċepit qiegħda tindika bl-iktar mod ċar illi il-liġi qiegħda torbot idejn l-istess Qorti u tpoġġieha f'pożizzjoni illi lanqas biss tista' tikkonsidra tali talba, ġialadarba l-esponenti kien mixli b'akkużi ta' offiża volontarja u pussess ta' armi, indipendentement mill-fatt jekk l-ewwel Qorti sabitx ħtija jew illiberat lill-esponenti mill-istess imputazzjonijiet.*

*Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi id-diċitura tal-artikolu 8(2) (b) tal-Kap 537 toħloq diskriminazzjoni lampanti bejn l-esponenti u persuni oħra għas-semplici raġuni illi il-pulizija eżekuttiva xliet lill-esponenti b'akkuża ta' offiża volontarja u pussess ta' armi.*

*Illi l-esponent għalhekk jirrileva illi l-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-dritt fundamentali tiegħu hekk kif sanċit fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 14 abinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi imur kontra l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u kif ukoll joħloq diskriminazzjoni lampanti fl-applikazzjoni tiegħu.*

*Illi fir-rigward tal-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew* status *ieħor;*

*Illi l-esponenti jirrileva illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha:*

*(i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u*

*(ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

*(iii) Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persunu u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14.*

*Illi madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak.*

*Illi Harris O'Boyle jispjega illi:*

> "the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any ground such as ...') and the final one ('or other status') is open-ended";

*Illi l-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza Kafkaris vs Ċipru saħqet illi:*

> "a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In

other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-mater and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court";

*Illi inoltre kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet* **Joseph Grech et *vs.* Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Socjali et**:

"biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalità bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations";

*Illi l-esponent jirrileva illi l-għan tal-Artikolu 14 huwa sabiex* "safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that has as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguisable from each other". ***[Thlimmenos vs Grecja*** *(Applik. Nru. 34369/97) § 40 - 9]*

***<u>2. L-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq nuqqas ta' ċertezza legali:</u>***

*Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi l-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq inċertezza legali u dan għaliex il-liġi hija inċerta jekk l-applikazzjoni tal-esklużjoni għal ammissibilità ta' persuna sabiex il-Qorti fil-każ tiegħu tikkonverti ruħha f'Qorti ta' droga, meta jkun imputat fl-istess akkuża b'reati volontarji kontra l-persuna jew*

*f'att kriminali mwettaq waqt li l-istess persuna kienet fil-pussess ta' armi regulari għandiex tigi nterpretata b'mod ristrett jew wieħed wiesa'.*

*Illi ssir referenza għad-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati ta' nhar id-9 ta' Diċembru, 2014, seduta Nru. 220 fejn l-Onorevoli Owen Bonnici fuq dan l-Artikolu tal-Liġi qal hekk:*

> Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq – għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. **Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi** minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors.

*Illi di più jigi artikolu 8(2)(b) ta' Kap 537 jiddetta is-segwenti:*

> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

*Illi meta wieħed jixtarr dak kwotat mid-dibattitu parlamentari* supra *u kif ukoll l-artikolu tal-ligi, jidher bl-iktar mod ċar illi l-ispirtu ta' dan is-subinċiż għandha tiġi interpretata b'mod ristrett għall-każijiet fejn persuna tikkommetti serq aggravat bil-vjolenza, kif fil-fatt semma l-Onor. Owen Bonnici bil-kliem* "Jekk dana daħal u sawwat anzjana", *jew serqa armata, u dan huwa rifless fid-diċitura tal-liġi illi tgħid* "f'att kriminali mwettaq waqt li il-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari" *li għanda tiġi interpretata fis-sens ta' reati ta' serq imwettqa permezz ta' arma u ċioé* "Hold-Ups" *u mhux b'mod wiesa' għall-każijiet bħal tal-esponenti fejn instabu żewġ* 'flick knives' *lil hinn mill-post fejn ġara l-każ u ċioé f'żewġ vetturi.*

*Illi għalhekk huwa ċar li d-diċitura tas-subinċiż (b) tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 537* prima facie *tislet interpretazzjoni wiesa' u ċioé tagħti l-impressjoni li tapplika għall-każijiet kollha, ikunu xi jkunu, filwaqt li meta wieħed janalizza l-ispirtu tal-liġi kif sottomess fil-paragrafu preċedenti huwa evidenti li l-leġislatur kellu f'moħħu interpretazzjoni ristretta li tagħmel referenza għal serq aggravat bil-vjolenza fejn wara kollox hekk għandu jagħmel sens għaliex wieħed hawnhekk jistaqsi għalfejn persuna għandha tiġi prekluża milli tibbenefika minn dan l-artikolu għaliex instabet* 'flick knive' *fil-*

*vettura tiegħu, liema sikkina ma' kellha x'taqsam assolutament xejn mar-reati l-oħra.*

*Illi għalhekk fil-fehma tal-esponenti l-kliem tal-leġislatur u d-dibattiti rigward tali liġi allura jagħtu lok għal interpretazzjoni wiesa' liema interpretazzjoni ma tħallix ċertezza legali f'moħħ il-ġudikant meta japplika l-istess subinċiż.*

*Fir-rigward taċ-ċertezza legali, l-esponenti jagħmel referenza għal dak li jgħid Paul Heinrich Neuhaus fl-artikolu tiegħu Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws:*

> The struggle between legal certainty and equity is as old as the law itself. Only the labels have changed while formerly discussion has proceeded in terms of ius strictum and ius aequum, the expressions currently preferred, especially in Germany, are "legal certainty" and "Justice (in individual cases)." Whatever terms are used, they refer to two legal aspects of the law. One is the public interest in clear, equal and foreseeable rules of law which enable those who are subject to them to order their behavior in such a manner as to avoid legal conflict or to make clear predictions of their chances in litigation. The other is the need for deciding current, concrete disputes adequately, by giving due weight to the special and perhaps unique circumstances of each case. The former aspect calls for legislation, the latter for judicial decision.

Fil-każ ta' Albu v Romania, dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:

> In its recent Grand Chamber judgment in *Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey* ([GC], no. 13279/05, 20 October 2011), the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions (§§ 49-58). These can be summarised as follows:
>
> (i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see *García Ruiz v. Spain* [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I). Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see *Ādamsons v. Latvia*, no. 3669/03, § 118, 24 June 2008);
>
> (ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered

contrary to the Convention (see *Santos Pinto v. Portugal*, no. 39005/04, § 41, 20 May 2008, and *Tudor Tudor,* cited above, § 29);

(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see *Iordan Iordanov and Others*, cited above, §§ 49-50; see also *Beian (no. 1)*, cited above, §§ 34-40; *Ştefan and Ştef v. Romania*, nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009; *Schwarzkopf and Taussik*, cited above, 2 December 2008; *Tudor Tudor*, cited above, § 31; and *Ştefănică and Others*, cited above, § 36);

(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, *Beian (no. 1)*, cited above, § 39; *Iordan Iordanov and Others*, cited above, § 47; and *Ştefănică and Others*, cited above, § 31);

(v) The principle of legal certainty, guarantees, *inter alia*, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see *Paduraru v. Romania*, § 98, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); *Vinčić and Others v. Serbia*, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and *Ştefănică and Others*, cited above, § 38);

(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see *Unédic v. France*, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008). Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see *Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia"*).

**Illi l-esponenti jirrileva għalhekk illi meta wieħed jara l-artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jinduna li l-istess artikolu tal-Liġi jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq, joħloq diskriminazzjoni u nuqqas ta' ċertezza legali, u għalhekk tikser id-**

**dritt fundamentali tiegħu hekk kif sanċit bl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Għaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq u illi ġie diskriminat u dan bi ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Jannar, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li l-artikolu 8(2)(b), li jrid jinqara flimkien mal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi fil-każ odjern ir-rikorrent ġie akkużat b'pussess aggravat ta' droga u reati oħra kontra l-persuna u b'sentenza datata 11 ta' Mejju 2021. Il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) sabet ħtija fil-konfront tar-rikorrent bis-segwenti mod:* Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(1), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 101.02, l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17, 41(1)(a), 95, 96(1), 111(2)(a), 221(1) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ilkoll kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qed issib lill-imputat Ryan Refalo mhux ħati tat-tieni, tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-ewwel (in kwantu biss il-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ġunju 2012), it-tielet, ir-raba', il-ħames (iżda biss in kwantu l-feriti kkaġunati lil PC 10 Trevor Cassar Mallia u mhux lil WPC 127 Carmen Gauci), is-sitta u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' tnax (12) il-xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi tra' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-

lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet prekluża milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u cioé* 'li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv'.

2. *Illi r-rikorrent jidher li qajjem din il-lanjanza kostituzzjonali għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Illi l-premessa li r-rikorrent iħoss li ċ-ċaħda tal-Qorti tal-Appell li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga tilledi d-drittijet fundamentali tiegħu hija infondata u dan stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet u ċioé ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga abbażi ta' dak li tipprovdi l-liġi u għalhekk ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

3. *Illi l-allegazzjoni li l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hija wkoll infondata. Il-leġislatur għandu kull dritt li jistabbilixxi kriterji jew kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex ikun applikabbli l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, li ġie introdott fis-sena 2015, jagħti l-possibilità li persuna akkużata b'reati kontra l-liġijiet ta' droga u li tissodisfa l-kriterji li jsemmi l-artikolu 8(1)(2) tal-istess Kap, tkun tista' tagħmel talba sabiex il-Qorti penali tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Evidentement din il-ligi ma tapplikax għal kull min ikun akkużat b'reat kriminali u f'din l-istess liġi hemm imniżżel ċar x'inhuma l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Il-fatt li ġiet introdotta liġi relattivament ġdida li m'hijiex disponibbli għar-rikorrent ma jilledi l-ebda dritt fundamentali tieghu.*

4. *L-esponenti jissottometti li ċertament bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att bl-ebda mod ma ġie leż xi jedd garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni u dan peress li r-reità o meno ta' persuna akkużata b'delitt tigi kristallizzata fil-mument taż-żmien meta r-reat ġie mwettaq. Il-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali testendi biss u ġustament biex tiżgura li persuna li twettaq il-fatt kriminali jkollha l-għarfien li dak il-fatt li jkollha ħsieb li twettaq u effettivament twettaq ikun jikkostitwixxi reat skont il-ligi penali f'dak iż-żmien u li għal tali kommissjoni l-persuna tkun ser tkun passibbli għal ċertu parametri ta' piena (ara* ***Victor Micallef vs L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Prim*

*Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali tal-1 ta' Ottubru 1996 li ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001.*

5. *Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom gie mixli r-rikorrent hija ċara u dan naturalment jinkludi ukoll il-parametri tal-piena jekk ir-rikorrenti jinsab ħati. Dawn l-istess baqgħu. Fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li huwa ingħata l-garanziji kollha li jridu dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali u m'hemm xejn li jindika li r-rikorrent kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji.*

6. *Illi fuq il-preżunzjoni tal-innoċenza, skont ġurisprudenza konsistenti kemm Ewropea kif ukoll Maltija il-preżunzjoni tal-innoċenza jirrigwarda tlett aspetti u ċioé li:*

   1) *Il-ġudikant ikollu* pre-formed opinion *li l-akkużat huwa ħati tar-reat miġjub kontrih.*

   2) *Il-piż tal-prova tispetta lil-prosekuzzjoni ġaladarba min jallega akkuża irid jipprovaha.*

   3) *Jekk ikun hemm dubju dak id-dubju għandu jmur favur l-akkużat.*

   *Illi kif ser jiġi spjegat f'iktar dettal fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, l-ebda wieħed minn dawn l-aspetti ma jinkwadra ruħhu fil-lanjanza li qajjem ir-rikorrent dwar allegat vjolazzjoni tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza.*

7. *Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn ir-rikorrent qiegħed jallega li l-leżjoni tikkonsisti f'diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu ġew akkużati u misjuba ħatja b'reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma u dawk li jkunu ġew liberati minn reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma, jiġi eċċepit li ma hemmx leżjoni u lanqas diskriminazzjoni. Ir-rikorrent naqas milli jindika taħt liema artikolu qiegħda tiġi allegata diskriminazzjoni, iżda f'każ li qiegħed jallega li seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponent jeċepixxi li r-rikorrent jeħtieġ li jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta'* 'like with like' *u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju. L-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta japplika għal kulħadd u ċioé il-Qorti hija prekluża milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga meta persuna tkun mixlija bir-reati indikati fl-imsemmi subartikolu. Għalhekk ir-rikorrent ma ġiex trattat differenti minn persuni oħrajn li qegħdin fl-istess sitwazzjoni tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx diskriminazzjoni u ma hemmx leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;*

8. *Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;*
9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent"*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2022, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Ir-rikorrent jirrileva li fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ġunju, 2012, il-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga għamlu tfittxija fi 'Tulip Bar' ġewwa l-Gżira fejn huma kienu rawh dieħel, u li huwa kien jopera bħala *substitute.* Wara li spjega x-xena sħiħa ta' dak li kien ġara, u elenka d-diversi akkużi li sussegwentement huwa kien ġie akkużat bihom, fisser kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kienet sabitu ħati ta' uħud mill-imsemmija akkużi u kkundannatu għal piena komplessiva ta' tnax (12) -il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300.00). Imma jgħid li peress li huwa ħassu aggravat b'din is-sentenza, kien interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u l-appell tiegħu għadu qed jinstema' minn dik il-Qorti. Qal li

fil-mori ta' dan l-appell fl-24 ta' Settembru, 2021, huwa kien talab lill-imsemmija Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda dik il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tiegħu permezz ta' digriet tat-13 ta' Ottubru, 2021, għaliex huwa kien mixli wkoll b'reat volontarju kontra l-persuna u li kien fil-pussess ta' arma regolari fil-ħin tal-arrest tiegħu, u dan immaterjalment jekk l-Ewwel Qorti kinitx illiberatu minn uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, stante li il-para. (b) tas-subartiklu 8(2) tal-Kap. 537 jipprekludi l-applikazzjoni ta' dak l-Att fejn il-persuna hija <u>mixlija</u> [enfażi tar-rikorrent] bir-reat/i hemm indikati, u mhux ukoll misjuba ħatja, u għalkemm dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija qed tiġi ikkontestata fi proċeduri ta' reviżjoni. Jikkontendi li l-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537 jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, bi ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, filwaqt li huwa diskriminatorju. Minbarra li jagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 537, jaċċenna fuq il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, li jirrikjedi li persuna hija preżunta innoċenti matul l-*iter* kollu tal-proċess ta' ġustizzja kriminali, sakemm tinsab ħatja b'sentenza finali, u jirrileva li dan il-prinċipju huwa sanċit *inter alia* fil-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni']. B'hekk ir-rikorrent jgħaddi sabiex jiċċita s-subartikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u is-subartikolu 6(2) tal-Konvenzjoni, imma wkoll l-Artikolu 48 tal-'European Charter of Fundamental Rights'. Huwa jagħmel riferiment għall-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'l-QEBD'] kif imfisser fid-diversi sentenzi tagħha, u dak tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif spjegat fis-sentenza tagħha **R vs. Meinrad Calleja**. Ir-rikorrent jispjega li l-pern tal-ilment tiegħu huwa l-fatt li bil-kliem 'persuna akkużata **<u>hi mixlija</u>**' taħt il-para. (b) tas-

subartikolu 8(2), hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, għaliex dan jippreżumi u jpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija lir-rikorrent qabel ma l-imputazzjoni kif mixli tgħaddi għal deċiżjoni finali, u li fuqha huwa għadu preżunt innoċenti. Ir-rikorrent jikkontendi li deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonċernah u li tkun tirrifletti jew tippreżumi l-fatt li huwa ħati mingħajr ma jkun għadda ġudikat b'sentenza definittiva, tmur kontra d-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, kif ġara permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Jgħid li kienet dik il-Qorti stess li ndikat bl-aktar mod ċar li l-liġi torbtilha jdejha, billi ma tippermettiex li hija tikkonsidra t-talba tiegħu, ġaladarba huwa kien jinsab mixli b'akkużi ta' offiża volontarja u pussess ta' armi, u dan indipendentement mill-fatt jekk l-Ewwel Qorti sabitux ħati jew illiberatu mill-imputazzjonijiet. Ir-rikorrent isostni li anki d-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537 joħolqu diskriminazzjoni lampanti bejnu u persuni oħra, sempliċement għaliex il-pulizija eżekuttiva xlietu b'akkużi ta' offiża volontarja u pussess ta' armi. Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrent jikkontendi li l-Kap. 537 iledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni, billi jmur kontra l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, u joħloq diskriminazzjoni evidenti fl-applikazzjoni tiegħu. Filwaqt li r-rikorrent jagħmel riferiment għall-Artikolu 14 tal-Konvenjoni, jissottometti li meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment tiegħu taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, għandha tikkunsidra: (i) li l-ilment huwa marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni; (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmija f'dak l-artikolu huma biss indikattivi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni; u (iii) it-trattament differenti bejn kategorija u oħra ta' individwi għandu jkun wieħed leġittimu u raġonevoli, u mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju. Jgħid li imma xorta waħda persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li ma tistax turi u lanqas

tippretendi ksur ta' xi jedd 'sostantiv' ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-'ambitu' ta' jedd bħal dak. Dan sostnih billi ċċita l-ħsibijiet ta' **Harris O'Boyle**, iżda wkoll l-insenjament tal-Qorti Ewropea tal-QEBD u tal-Qrati Maltin. Fit-tieni punt li jirrileva r-rikorrent, ifisser li l-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537 joħloq nuqqas ta' ċertezza legali minħabba l-kwistjoni jekk l-interpretazzjoni għandhiex tkun waħda ristretta jew waħda wiesa'. Ir-rikorrent jagħmel riferiment għad-diskors tal-Onor. Ministru Owen Bonniċi waqt id-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati tad-9 ta' Diċembru, 2014, iżda wkoll għad-disposizzjonijiet tal-provvediment tal-liġi in kwistjoni, u jikkontendi li minn hawn jirriżulta ċar li l-ispirtu ta' dan tal-aħħar jitlob li jiġi nterpretat b'mod ristrett għall-każijiet fejn persuna tikkommetti serq aggravat bil-vjolenza u m'għandux japplika għal każijiet bħal dak odjern fejn instabu żewġ *flick knives* lil hinn mill-post fejn ġara l-każ, u ċioé f'żewġ vetturi. Jgħid li huwa evidenti li l-leġislatur kellu f'moħħu interpretazzjoni ristretta fejn il-kliem tal-liġi u d-dibattiti rigward l-istess, minflok jagħtu lok għal interpretazzjoni wiesa' li ma tħalli l-ebda ċertezza legali f'moħħ il-ġudikant meta japplika l-imsemmi subinċiż in kwistjoni. Għal dak li jirrigwarda ċ-ċertezza legali, ir-rikorrent jagħmel riferiment għal dak li jgħid **Paul Heinrich Neuhas** fl-artikolu tiegħu 'Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws', iżda wkoll dak li ntqal fil-sentenza tal-QEBD fl-ismijiet **Albu v. Romania**. Jagħlaq billi jsostni li meta wieħed jikkunsidra l-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537, jiġi kkonstatat li dan jikser id-dritt ta' smigħ xieraq, joħloq diskriminazzjoni u nuqqas ta' ċertezza legali, u dan bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

4. L-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent, huma infondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-

raġunijiet li jsegwu. Jgħid li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, saret skont il-liġi, u għalhekk ma kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Jissottometti li anki l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-artikolu 8 tal-Kap. 537 jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu, hija waħda infondata. Jispjega li l-leġislatur għandu kull dritt li jistabbilixxi kriterji jew kundizzjonijiet għall-applikabbilità tas-subartikolu 8(1) tal-Kap. 537, liema liġi ġiet introdotta fis-sena 2015, fejn persuna akkużata b'reati kontra l-liġijiet ta' droga, jekk tissodisfa l-kriterji msemmija fis-subartikoli 8(1) u (2) tiegħu, tkun tista' tressaq talba sabiex il-Qorti penali tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Dan, ikompli jgħid, ma japplikax għal kull min huwa akkużat b'reat kriminali, u l-istess liġi tfisser ċar dawk il-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. L-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li l-fatt li ġiet introdotta liġi pjuttost riċenti, li ma jistax jieħu vantaġġ minnha r-rikorrent, ma tikser l-ebda dritt fundamentali tiegħu. Isostni li r-reità o meno ta' persuna akkużata b'delitt, tiġi kkristallizzata fil-mument taż-żmien meta r-reat ġie mwettaq. L-intimat Avukat tal-Istat ikompli jgħid li l-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom ġie mixli r-rikorrent hija waħda ċara, kif inhuma wkoll il-parametri tal-piena jekk ir-rikorrenti jinsab ħati. Jissottometti li r-rikorrent kien ingħata l-garanziji kollha tal-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih, u ma kien hemm xejn x'juri li huwa kien ġie mċaħħad minn xi waħda jew iktar minnhom. Għal dak li jirrigwarda l-preżunzjoni tal-innoċenza, jirrileva li skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-QEDB u anki dik Maltija, hemm tliet aspetti li għandhom jitqiesqu: (1) jekk il-ġudikant ikollu *pre-formed opinion* li l-akkużat huwa ħati tar-reat miġjub kontrih; (2) il-piż tal-prova tispetta lill-prosekuzzjoni, stante li min jallega akkuża għandu jippruvaha; (3) fil-każ ta' dubju dan imur favur l-akkużat. Jgħid li fil-każ odjern, l-ebda wieħed minn dawn

l-aspetti ma jirriżulta. Imbagħad bla ħsara għal dan kollu, l-intimat Avukat tal-Istat jirrileva, li m'hemm l-ebda leżjoni u lanqas diskriminazzjoni sa fejn ir-rikorrent qiegħed jallega li l-leżjoni tikkonsisti f'diskriminazzjoni bejn persuni li jkunu ġew akkużati u misjuba ħatja b'reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess ta' arma, u dawk li jkunu ġew liberati minn reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma. Ir-rikorrent saħansitra naqas milli jindika taħt liema artikolu tal-liġi qed jallega d-diskriminazzjoni, iżda jekk qed jalludi għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, huwa għandu jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' *'like with like'.* L-intimat jirrileva li l-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537 japplika fil-konfront ta' kulħadd, u r-rikorrent ma rċieva l-ebda trattament differenti minn persuni oħrajn li qegħdin fl-istess sitwazzjoni tiegħu. Għaldaqstant jgħid li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni, u ma hemm l-ebda leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet kollha tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022, xehdet **Stefania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali, prodotta mir-rikorrenti. Ix-xhud esebiet vera kopja tal-atti tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) *vs.* Ryan Refalo.**

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

6. Il-Qorti tagħraf li essenzjalment l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda d-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537, li jikkontendi li jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq, stante li jikser il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-

innoċenza, huwa diskriminatorju u anki joħloq nuqqas ta' ċertezza legali. L-artikolu 8 tal-Kap. 537 jipprovdi kif ġej:

> "8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.
>
> (2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
>
> (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
>
> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
>
> (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga."

7. Ir-rikorrent jikkontendi li bil-kliem 'persuna akkużata hi mixlija' il-paragrafu (b) tas-subartikolu 8(2) suċitat, jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, għaliex b'hekk huwa jkun qed jiġi preżunt u mpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija qabel id-deċiżjoni finali fuq l-imputazzjoni li huwa mixli biha, u li huwa preżunt innoċenti fir-rigward tagħha. Huwa jagħmel riferiment għad-deċiżjonijiet tal-QEDB in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu, iżda l-Qorti tgħid li dawn ir-referenzi, in partikolari s-siltiet ċitati, saħansitra jikkontradixxu l-argument tar-rikorrent.

Fiż-żewġ każijiet, il-QEDB għamlet ċar li deċiżjoni li allegatament tmur kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza essenzjalment tirrifletti opinjoni li l-akkużat huwa ħati. Issa fil-każ odjern, ma jistax jiġi kkunsidrat li b'xi mod ġiet espressa opinjoni ta' ħtija fil-konfront tar-rikorrent bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 537, partikolarment dawk tal-para. (b) tas-subartikolu (2) tiegħu. Għandu jingħad li dan tal-aħħar jitkellem fuq stat ta' fatt, jiġifieri li l-akkużat ma jinsabx mixli b'"...reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv", bħala waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Iżda dan bl-ebda mod ma jista' jittieħed li jfisser li dan il-provvediment tal-liġi qed iwassal għal ġudizzju dwar il-ħtija o meno tal-akkużat, kif ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ odjern, bl-ebda mod ma jista' jitqies li ddeċieda li r-rikorrent huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

8. Aktar minn hekk, ir-rikorrenti jikkontendi wkoll li d-diċitura tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 537, joħolqu diskriminazzjoni qawwija bejnu u persuni oħra, għaliex il-pulizija eżekuttiva xlietu b'akkużi ta' offiża volontarja u pussess ta' armi. Ir-rikorrenti hawnhekk mhuwiex qed ikun daqstant preċiż fl-ilment tiegħu, iżda mill-argumenti tiegħu l-Qorti tifhem li d-diskriminazzjoni li qiegħed jilmenta dwarha, tikkonsisti fil-fatt li fil-każ tiegħu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet prekluża milli tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga minħabba n-natura tal-akkużi miġjuba kontrih, iżda dan mhux il-każ fir-rigward ta' persuni oħra li ma tressqux bl-istess akkużi. Il-Qorti tibda billi tosserva li r-rikorrent jonqos milli juri li huwa jgawdi minn xi jedd awtomatiku fejn huwa għandu jiġi ġudikat mill-Qorti dwar id-Droga minflok mill-Qorti tal-Appell Kriminali, punt kruċjali sabiex jirnexxi l-ilment tiegħu fir-rigward tal-

allegata diskriminazzjoni applikata fil-konfront tiegħu. Kif sewwa jirrileva r-rikorrent meta jqajjem id-diversi elementi li din il-Qorti għandha tistħarreġ meta tittratta dan l-ilment tiegħu, hija għandha tikkunsidra jekk l-imsemmi lment huwiex marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni. Il-Qorti hawn tfakkar dak li ġie ritenut diversi drabi dwar id-dipendenza tal-Artikolu 14 fuq id-drittijiet sostantivi l-oħra protetti mill-Konvenzjoni, kif imfisser tajjeb mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Avv. Dr. Joseph Brincat noe *vs.* Direttur tas-Sigurtà Socjali***,* Q.Kos. *18/2004,* deċiża fit-12 ta' Jannar, 2007:

> *"kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma għandu ebda eżistenza indipendenti minn xi wieħed jew aktar mid-drittijiet sostantivi l-oħra protetti bl-istess Konvenzjoni; minkejja dan, però, jista' jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu 14 mingħajr ma jkun hemm ukoll vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv ieħor. Il-formulazzjoni klassika ta' dan il-prinċipju wieħed isibha fis-sentenza ta'* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** *2, fejn ingħad hekk:*
>
> *"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions -- and to this extent it is autonomous -- , there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."*

9. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, ma jistax jirnexxi.

10. Jonqos li fl-aħħarnett il-Qorti tikkunsidra l-inċertezza legali li r-rikorrent jallega li joħloq il-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537. L-argument tiegħu huwa li mhux ċar jekk għandux ikun hemm interpretazzjoni ristrettiva jew waħda wiesa' ta' dan il-provvediment. Filwaqt li jagħmel riferiment għad-diskors tal-Onor. Ministru Owen Bonnici waqt is-seduta tal-Kamra tad-Deputati tad-9 ta' Diċembru, 2014, jikkontendi li huwa ċar li l-ispirtu tal-imsemmi

provvedimenti għandu jiġi nterpretat b'mod ristrett għal serq aggravat bil-vjolenza, jiġifieri bħal fil-każ ta' *hold-up,* u mhux fejn bħal fil-każ odjern instabu żewġ *flick knives* lil hinn mill-post fejn seħħ il-każ. Iżda kuntrarjament għal dak li r-rikorrent qiegħed jissottometti, il-Qorti ma tagħraf l-ebda inċertezza fil-liġi, li tikkunsidra li hija tassew ċara fl-intendiment tagħha. Tgħid li kliem l-Onor. Ministru Owen Bonnici kienu li kienu, u ma jistgħux jiġu interpretati kif jaqbel lir-rikorrent sabiex jitfgħu dubju u inċertezza dwar il-liġi li eventwalment ġiet promulgata, u li tagħmel tassew ċar meta Qorti Kriminali tista' jew ma tistax tikkonverti ruħha għal Qorti dwar id-Droga.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrent billi tiċħadhom fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**